# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 19**

**Avviz numru 590/01/SM**

**Antoine Vassallo f'ismu propju u ezercenti n-negozju Antoine Auto Dealer.**

**vs**

**Patrick Delia**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin Lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm633.69,0) import ta' disa' kambjali minnu iffirmati u accettati annessi mal-avviz u immarkati Dok 1 sa Dok. 9 u li d-data tal-inativita' taghhom skadiet;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-11 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**